**Ġurnata Speċjali għal Luca u għal Elise**



Kien proprju fil-bidu ta' Awwissu meta l-mamà u l-papà żżewġu, u fis-sena ta' wara kellhom lil Elise, tarbija b'xagħarha qastni u bil-wardiet ta' wiċċha ħomor peprin. F'għeluq is-sentejn mit-twelid ta' Elise, twieled Luca, tifel fuq ruħu, b'xagħru u b'għajnejh suwed tuta. Din is-sena, il-mamà u l-papà ħasbu li jorganizzawlhom festin f'għeluq sninhom. Il-mamà marret għand id-dulċier u ordnat l-ikel u l-ħelu meħtieġ. (Par. 1)

Meta wasal il-jum tant mistenni, Luca u Elise kienu se jtiru bil-ferħ u bl-eċċitament. Il-ħin rawh għaddej bil-mod bħal donnu ried jinkihom. (Par. 2)

Għall-ħabta tal-erbgħa waslu n-nanna Marija u n-nannu Ġużi. Aktar ma beda għaddej il-ħin, aktar ġew nies, u fis-salott ma kienx hemm fejn toqgħod labra. Il-ħbieb ta' Elise u Luca ntefgħu bilqiegħda fl-art u għajnejhom kienu kollha fuq dak ir-raġel liebes qmis skura tleqq u qalziet pariġġ li kien qiegħed jagħmlilhom il-logħob bil-maġija. Il-qraba ntefgħu bilqiegħda fuq is-siġġijiet fil-ġenb biex jgħidu kelma bejniethom. Il-papà u z-ziju Bernard tkellmu fuq il-futbol. Iz-ziju Pawlu qagħad jiekol il-pastizzi u l-qassatat bil-kwiet. Il-mamà, in-nanna Marija u z-zija Polly tkellmu fuq il-faċendi tad-dar, u meta poġġew ħdejhom Miss Psaila u Miss Galea bdew jitħaddtu fuq l-eżamijiet. Iz-zija Sunta qagħdet ħdejn in-nannu Ġużi u daħket bil-praspar li qalilha. (Par. 3)

F'daqqa waħda daqqet il-qanpiena tal-bieb tad-dar. Luca u Elise ma setgħux jaqtgħu min ġie għax il-mistednin kienu kollha hemm. Iżda l-mamà u l-papà bil-kalma kollha qalulhom biex jiftħu l-bieb. It-tfal għajtu għajta kbira bil-ferħ hekk kif lemħu lil Julie. Il-mamà u l-papà kienu stednuha bil-moħbi tagħhom biex jagħtuhom sorpriża għal għeluq sninhom. Din it-tifla kienu ltaqgħu magħha l-baħar meta hija kienet għal btala f'Malta mal-mamà tagħha, Pamela. Hija u l-mamà tagħha kienu beħsiebhom iqattgħu jumejn għandhom u l-mamà u l-papà kienu diġà lestew kamra għalihom. Dakinhar Luca u Elise kienu qalgħu diversi rigali sbieħ fosthom dar tal-pupa u karozza ħamra. Imma żgur li l-ikbar rigal kienet iż-żjara bla mistennija ta' Julie! (Par. 4)

*Addattata mill-kitba ta' Charmaine Tanti M.A.*